MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1562/2004

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta Estera ta’ The Performing Right Society Limited ta’ Londra, Ingilterra**

**vs**

**Corinthia Caterers Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta’ Awissu 2004 fejn gie mitlub li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u tlieta u hamsin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm153.22) doviti ghall-perjodu 6 ta’ Novembru 2002 sald 5 ta’ Novemru 2004, in konnessjoni mal-licenzja Numru.010693 (Dok A) rilaxxjata mis-Socjeta attrici a favur tas-socjeta konvnuta b’liema licenzja gie mghotiha

d-dritt li xxandar lill-publiku muzika tutelata fl-istabbiliment "Gateway Diner".

Is-socjeta attrici qeghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-isp[ejjez tal-Avviz, komprizi dawk tal-ittri legali tal-31 ta' Jannar, 2003 u tal-31 ta' Jannar 2004 kontra s-socjeta konvenuta li hija ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex s-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm s-socjeta konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ra n-nota ta' riduzzjoni prezentata mis-socjeta attrici, fl-1 ta' Ottubru 2004, fejn irriduciet it-talba taghha ghas-somma ta' sitta u tmenin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm86.80)

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attric kif ridottii u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitta u tmenin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm86.80), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------